DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

ta' l-24 ta' April 2007

dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005

(2008/540/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet tal-kwittanza ta' l-2004 (COM(2006) 0641) u l-anness tiegħu SEC(2006) 1376),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005 (COM(2006) 0429 – C6-0264/2006) ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena 2005 (COM(2006) 0405),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Sitt, mis-Seba', mit-Tmien u mid-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ivverifikati ta' l-istituzzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil ma' l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([3]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (6061/2007 – C6-0094/2007, 6062/2007 – C6-0095/2007, 6063/2007, – C6-0096/2007, 6064/2007 – C6-0097/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehima Interna ta' l-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni ACP-KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehima Interna tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehima ta' Sħubija bejn l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmata f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għal Pajjiżi u Territorji Barranin li għalih tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp ([7]),

([1]) ĠU C 265, 31.10.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 205.
([3]) ĠU C 263, 31.10.2006, p. 213.
([4]) ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
([5]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
([6]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.
([7]) ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, t-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0115/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp huma kif ġej:

Tabella 1

Użu kumulattiv tar-riżorsi ta' l-EDF fil-31 ta' Diċembru 2005

(miljun euro)

	Qagħda fl-aħħar ta' l-2004		Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2005					Qagħda fl-aħħar ta' l-2005					
	Ammont globali	Rata ta' implementazzjoni % (2)	Is-Sitt EDF	Is-Seba' EDF	It-Tmien EDF	Id-Disa' EDF	Ammont globali	Is-Sitt EDF	Is-Seba' EDF	It-Tmien EDF	Id-Disa' EDF	Ammont Globali	Rata ta' implimentazzjoni % (2)
A – RIŻORSI (1)	43 801,8		- 24,6	- 86,1	- 275,1	1 038,9	653,2	7 414,8	10 781,6	11 315,6	14 943,0	44 455,0	
B – UTILIZZAZZJONI													
1. Impenji finanzjarji	35 692,2	81,5	- 24,6	- 86,1	- 275,1	3 420,8	3 035,1	7 414,8	10 781,6	11 315,6	9 215,3	38 727,3	87,1
2. Impenji legali individwali	30 313,2	69,2	- 1,3	110,5	472,0	2 070,9	2 652,1	7 377,0	10 529,0	10 247,2	4 812,1	32 965,3	74,2
3. Ħlasijiet (2)	25 918,0	59,2	21,6	235,3	854,1	1 373,7	2 484,7	7 333,7	10 084,9	8 385,2	2 598,9	28 402,7	63,9
C – Pagamenti pendenti (B1-B3)	9 774,2	22,3						81,1	696,7	2 930,3	6 616,4	10 324,5	23,2
D – Bilanċ disponibbli (A-B1)	8 109,6	18,5						0,0	0,0	0,0	5 727,7	5 727,7	12,9

(1) Allokazzjonijiet inizjali għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' EDFs, interessi, riżorsi mħallta u trasferimenti minn EDFs preċedenti.
(2) Bħala perċentaġġ tar-riżorsi.

Sors: Qorti ta' l-Awdituri, ibbażata fuq ir-Rapporti ta' l-EDF dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u d-dikjarazzjonijiet Finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2005.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment, u sabiex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (Serje L).

Il-President — *Is-Segretarju Ġenerali*

Hans-Gert PÖTTERING — Harald RØMER